MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1807/2003

**Untours Insurance Agents Ltd (C5655) ghas-socjeta' estera Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Adrian Galea u l-istess Adrian Galea**

**vs**

**Ivan Chetcuti**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm731.62) rappresentanti danni sofferti fl-incident stradali li sehh fis-17 ta' Frar 2002 bejn Fiat Punto numru ABG 213 misjuqa mill-attur u Citroen numru DAN641 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident stradali il-konvenut kien responsabbli.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta’ ittra u konsult, dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet legali min-notifika ta’l-avviz, kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lilll-atturi s-somma ta’ seba’ mija u wiehed u tletin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm731.62), bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Ottubru 2003.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------